# KUNSILL LOKALI MARSA

*Minuti tal-Erbatax-il laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar il-Erbgħa 1 ta' Ġunju 2016 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fis-Sitta u nofs ta' filgħaxija (6.30pm)*

## *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Frank Zammit | Kunsillier (attenda fis-6.35pm) |
| Is-Sur Jean Paul Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |

Il-Viċi-Sindku Josef Azzopardi informa lill-Kunsill bil-miktub li ma setax jattendi għal din is-seduta minħabba raġunijiet personali u l-Kunsill approva li jkun skużat.

## 1. Talba.

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti tat-Tlettax-il (13) laqgħa tal-Kunsill li saret nhar il-Erbgħa 4 ta' Mejju 2016.

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier Jean Paul Zammit ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 3. Komunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Kunsill li fir-rigward tal-applikazzjoni mill-Enemalta biex terġa titpoġġa n-niċċa tad-Duluri fil-Menqa fejn hemm Hexagon House, l-Enemalta infurmawna li minn naħa tagħhom qed jistennew il-permessi neċessarji mill-Awtorita' tal-Ippjanar.

3.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Kunsill li fir-rigward tal-ħsieb li jsir xi proġett fil-vaska tal-papri permezz tal-fondi tal-UIF, huwa iltaqa' mal-perit tal-Awtorita' tal-Ippjanar fejn ġie infurmat li huma kontra li l-vaska tingħalaq filwaqt li huma aktar favur li jsir xi tip ta' tisbiħ.

3.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill talba għall-użu tas-sala tal-Kunsill sabiex isir kors organizzat fi ħdan l-ETC bl-isem *Work Programme Initiative*, bi ħlas ta' Eur40 għal kull sessjoni. Il-Kunsill approva unanimament u qabel ukoll li jixtri dak li ntalab (siġġijiet) biex isir dan il-kors.

## 4. ***<u>Deċizjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mill-5 ta' Mejju 2016 sal-1 ta' Ġunju 2016.</u>***

4.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab kummenti jew mistoqsijiet dwar il-lista ta' korrispondenza msemmija hawn fuq li ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

4.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq korrispondenza mill-Malta Racing Club li qed jitolbu biex Triq it-Tiġrija min-naha ta' Triq Diċembru 13 tingħalaq f'certu hinijiet u ġranet minhabba li qed iseħħu xi incidenti. Il-Kunsill rrefera t-talba lill-Transport Malta.

4.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq korrispondenza mibgħuta mill-Ghaqda Storika Kulturali li infurmat lill-Kunsill li waqt laqgħa generali qablet li fir-roundabout tal-Menqa isir mafkar għall-ħaddiema tax-xatt. Huma qed jiġbru sejhiet ta' nteress u qed titħadded ma' entitajiet għall-għajnuna.

4.4 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq ittra mibgħuta mill-Valletta18 fejn infrumawna li bħala parti mill-attivitajiet ta' Valletta 18 ser tiġi organizzata attivita bl-isem "L-Ikla t-tajba" fejn flimkien fl-istess ġurnata fl-istess ħin kull lokalita' tiġi organizzata ikla bl-involviment ta' l-Għaqdiet tal-Lokal.

4.5 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq ittra mibgħuta minn Stella Maris College Scout Group dwar offerta li huma lesti jħawwlu xi siġar fil-lokalita' skont fejn jindika l-Kunsill. Il-Kunsill huwa interessat li jipparteċipa u għandu jiddentifika post fejn jistgħu jiġu mħawwla dawn is-siġar.

4.6 Il-Kunsiller Jean Paul Zammit ressaq korrispondenza mibgħuta minn l-iSkwadra ta' kontra l-vizzji (Pulizija) fejn talbu laqgħa mal-Kunsill. Il-Kunsill għandu jirrispondi li jixtieq jiltaqa' magħhom.

4.7 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn informa li ġiet ppubblikata l-lista ta' Segretarji Ezekuttivi Prospettivi flimkien ma Memo 4/12 dwar il-linji ta' gwida kif għandu jimxi l-proċess għall-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv. Għaldaqstant il-Kunsill Lokali Marsa għandu joħroġ is-sejħa sabiex timtela din il-pożizzjoni li tinsab vakanti. Intant, il-Kunsill ħatar bord tal-għażla li se jkun magħmul mill-Accountant tal-Kunsill flimkien ma' żewġ Segretarji Eżekuttivi li jinsabu f'Kunsilli Lokali oħrajn. Il-Kunsilliera se jkunu infurmati bid-dati tal-intervisti sabiex jekk iridu jkunu jistgħu jattendu għal dawn l-intervisti bħala osservaturi. Wara li jsiru l-intervisti, il-Bord jressaq ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Kunsill għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

4.8 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq korrispondenza mill-Environment and Resources Authority fejn infurmaw li fir-rigward tal-applikazzjoni għall-Villaġġ tal-Karnival m'hemmx bżonn li jsir Environmental Impact Assessment, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

F'dan l-istadju tal-laqgħa, attenda il-Kunsillier Frank Zammit fis-6.35pm

## 5. *Schedule of Payments 06/16*

5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall- ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier is-Sur Domenic Spencer ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha pprezenti.

## 6. *Purchase Order 4235 - 4250*

6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Orders minn numru 4235 sa 4250 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq ordnijiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Kunsillier Domenic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 7. *Purchase Request 3211 - 3225*

7.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Requests minn numru 3211 sa 3225 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Kunsillier Frank Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 8. *Financial Quarterly Report Jannar – Marzu 2016*

8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono stieden lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv biex iressaq ir-Rapport Finanzjarju għall-ewwel kwart tas-sena 2016.

8.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq dan ir-rapport ippreparat mill-Accountant tal-Kunsill fejn spjega li l-Kunsill nefaq inqas minn kemm alloka fl-Estimi Annwali u għaldaqstant qed jilħaq il-miri stabbiliti.

8.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju. Il-Kunsillier Domenic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 9. *Deċiżjoni fuq Tender Service of an Architect*

9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono stieden lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv iressaq l-iskeda ta' offerti mitfugħa sad-data tal-għeluq.

9.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li kien hemm offerta waħda biss mitfugħa mill-Perit li għandu l-Kunsill preżentament, il-Perit Dieter Falzon, fejn l-offerta mitfuqħa hija orħos minn dik tal-kuntratt preżenti.

9.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li l-Kunsill jagħżel din l-offerta u jagħti l-kuntratt lill-Perit Dieter Falzon. Il-Kunsillier Frank Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 10. *Deċizjoni fuq Tender Provision and Laying of Pavement works using environmentally friendly materials and practices.*

10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono stieden lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv iressaq l-iskeda ta' offerti mitfugħa sad-data tal-għeluq.

10.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li kien hemm offerta waħda biss mitfugħa millkkuntrattur li għandu l-Kunsill preżentament, Karmig Trading Ltd, fejn l-offerta mitfuqħa għandha rati simili tal-kuntratt preżenti.

10.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li l-Kunsill jagħżel din l-offerta u jagħti l-kuntratt lill-Karmig Trading Ltd. Il-Kunsillier Jean Paul Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 11. *Inawgurazzjoni tal-Monument taċ-Ċentinarju*

11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono sostna li l-Kunsill irid jagħżel ġurnata dwar meta se ssir l-inawgurazzjoni tal-Monument taċ-Ċentinarju.

11.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono issuġġerixxa sabiex tintgħażel il-ġurnata tal-15 ta' Settembru, peress li hija d-data tal-anniversarju tal-ewwel ċentinarju tat-tqegħid tal-ewwel ġebla.

11.3 Il-Kunsill approva unanimament li d-data tkun tal-15 ta' Settembru 2016 u ssir fis-7pm.

## *12. Talbiet li saru mill-Klabb tar-Regatta*

12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono irrefera għal-laqgħa li kellu l-Kunsill mal-Klabb tar-Regatta, fejn ressaq għad-diskussjoni t-talba tagħhom li jsir tisbiħ fil-parti bejn il-latrina u l-klabb.

12.2 Il-Kunsill għandu jibgħat lill-Awtorita ressponsabbli mill-Marittimu sabiex jiġi vverifikat jekk din l-art inkwistjoni hijiex parti mill-Moll u jekk jistax jsir proġett ta' tisbiħ.

12.3 Il-Kunsill qabel li jqabbad lill-perit tal-Kunsill jipprepara disinn u stima tax-xogħlijiet li jinkludi pavimentar u planters u tpoġġija ta' fanali u bankijiet.

12.4 Il-Kunsill qabel unanimament li kif ikollu dawn l-istimi jkun jista' javviċina lil kumpanija privati għall-sponsorship. Il-Kunsillier Jean Paul Zammit issuġġerixxa li jiġu avviċinati l-Go plc u kumpaniji kbar oħrajn sabiex jagħtu sponsorship bħala inizjattiva ta' Community Social Responsibility.

## *13. Talbiet li saru mill-Kumitat Festi Esterni Marija Regina*

13.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono irrefera għal-laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Kumitat Festi Esterni Marija Reġina dwar t-Tismija ta' triq ghal Marija Reġina kif ukoll dwar il-proposta ta' monument jew mafkar fl-okkażjoni tal-anniversarju.

13.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq disinn tal-monument li bagħtu l-Kumitat Festi Esterni Marija Regina wara l-laqgħa. Fir-rigward tat-tismija tat-triq, il-Kunsill qed jistenna mingħandhom dwar l-isem ippropost u ta' liema triq.

13.3 Il-Kunsill approva li dan il-mafkar isir ħdejn il-Knisja kif ppropost. Il-Kunsillier s-Sur Frank Zammit issuġerixxa li flok issir il-Madonna ta' Maria Regina jkun aħjar jekk isir Papa Piju VII peress li fit-22 ta' Awwissu 1954, kien taħt dan il-Papa li ġiet ddikjarata Maria Regina. Huwa sosnta li b'dan il-mod tkun qed issir xi ħaġa kommemorattiva u differenti.

13.4 Il-Kunsill qabel unanimament li jikteb lill-Kumitat Festi Esterni Marija Reġina u jipproponi biex isir tibdil fid-disinn kif issuġġeriet mill-Kunsillier s-Sur Frank Zammit, filwaqt li jħalli f'idejhom l-aħħar deċiżjoni.

## 14. Management Letter u Tweġiba tagħha

14.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono stieden lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv biex iressaq l-Ittra ta' Direzzjoni tal-Awditur u r-risposta għaliha.

14.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li ħafna min-nuqqasijiet imsemmija fl-Ittra ta' Direzzjoni huma relatati ma' transazzjonijiet ta' accountancy jew nuqqasijet amministrattivi minuri. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv kompla jispjega li fir-risposta l-Kunsill qed iwieġeb fejn ma jaqbilx mal-Awditur u fejn l-Kunsill qed jikkometti ruħu li jirregola ruħu.

14.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tar-Risposta għall-Ittra ta' Direzzjoni. Il-Kunsillier Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 15. Tweġibiet għall-mistoqsijiet preżentati mill-Kunsilliera

15.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono stieden lill-Kunsilliera jressqu mistoqsijiet.

15.2 Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer saqsa dwar jekk it-tabella ta' Merħba li twaħħlet mill-Kunsill Lokali Paola tinsabx fil-konfini tal-Marsa. Il-Kunsill għandu jivverfika u jekk jirriżulta' li din tinsab fil-konfini tal-Marsa għandhom jiġu infurmati biex immexxuha.

15.3 Il-Kunsillier s-Sur Frank Zammit staqsa dwar jekk tistax issir bankina fi Triq Qormi. Peress li dik hija triq arterjali, l-Kunsill se jkun qed jgħaddi t-talba lill-Transport Malta.

15.4 Il-Kunsillier Jean Paul Zammit ġibed l-attenzjoni biex issir manutenzjoni taċ-ċint fil-parti tal-Marsa bypass ma' Triq Bajjada. Il-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni ta' Transport Malta peress li dik hija triq arterjali.

## 16. Aġġornament tal-Laqgħa

16.1 Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 6 ta' Lulju 2016 fis-sitta u kwart ta' filgħaxija (6.15pm).

Il-laqgħa spiċċat fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (7.30pm).

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Francis Debono<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Data: 6 ta' Lulju 2016